MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2014

Numru. 200/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frans Micallef)**

**vs.**

**Omissis**

**Rodney Casha**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Omissis u Rodney Casha ta’ 23 sena bin Godfrey u Rita nee’ Busuttil imwieled Pieta’ fis-7 ta’ Frar, 1984 u li joqghod Franklyn Flat 2 Triq Ninu Cremona Rahal il-Gdid, detentur tal-Karta tal-Identita Numru 115784M

Akkuzati:

1. Talli b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda u cioe’ talli minn Moll tal-Faham il-Marsa nhar is-7 ta’ Awwissu, 2006 u matul il-granet ta’ qabel ikkommettew serq ta’ oggetti liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, liema valur huwa ta’ aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000, bil-lok u bil-hin.
2. Talli ukoll fl-istess data hin u cirkostanzi volontarjament hassru ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal aktar minn hames mitt Liri Maltin (Lm500).

Omissis wahdu huwa wkoll akkuzat:

3. talli rrenda ruhu recidiv ghal sentenzi li gew definittivament decizi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-26 t’April, 2004 u mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta’ Settembru, 2006.
4. Talli ukoll kiser il-kundizzjoni imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-6 ta’ Gunju, 2005.

Wara li rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

1. Fl-4 ta' Awissu 2006, l-istore manager tal-Malta Shipyards, Joseph Saeta irrapporta li mill-istores taghhom f'Xatt il-Moll, il-Marsa, kien sab xi cable imqaxxar u cable nieqes. Dawn il-cables kienu jitqaxxru u jittiehed ir-ram ta' go fihom, biex imbaghad jinbiegh.
2. Il-Malta Shipyards installaw xi CCTV cameras sabiex jikkontrollaw din l-area.
3. Mir-ritratti li ttiehdu minn dawn is-CCTV cameras gie identifikat l-imputat Rodney Casha.
4. Fl-istqarrija tieghu,[1] l-imputat Rodney Casha ammetta li kien mar xi hames darbiet jiehu l-cables minn dawn l-istores, sabiex iqaxxru u jbiegh ir-ram tieghu. Hu gharaf ukoll lilu innifsu fir-ritratt tas-CCTV footage. Huwa qal li kien ibiegh ir-ram lil wiehed bi scrapyard Hal-Luqa. Dan kien jaghmlu sabiex jiffinanzja l-vizzju tieghu tal-abbuz tad-droga.
5. Ix-xhud George Gatt, li jahdem bhala part-time ma' scrap dealer f'Hal-Luqa, gharaf lill-imputat Rodney Casha bhala persuna li kien gablu r-ram biex ibieghhulu. Xehed ukoll li darb'ohra l-imputat gablu bicciet ta' cable imqaxxar u ma kienx accettah.[2]

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*L-Istqarrija tal-Imputat Rodney Casha*

Il-Qorti se tikkunsidra fl-ewwel lok il-kwistjoni sollevata mid-difiza waqt it-trattazzjoni orali fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2012 dwar l-istqarrija tal-imputat, u cioe li stante li l-istqarrija tal-imputat odjern ittiehdu fl-2006, meta ma kienx hemm il-possibilita li jiehdu parir legali qabel l-interrogazzjoni, l-istqarrija tieghu ghandha tigi skartata.[3]

[1] Ara fol. 72 tal-process.
[2] Ara xhieda ta' George Gatt a fol. 83-84 tal-process.
[3] Ara verbal fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2012 a fol. 107 tal-process.

Fis-sentenza ta' **Charles Steven Muscat vs. Avukat Generali** deciza fit-8 ta' Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet li l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet illi *"Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi ngiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u hekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur."*

Fil-kaz ta' **Muscat** fuq citat, il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni li ma kienx gie lez id-dritt ghal smiegh xieraq, ghaliex *inter alia*:

1. meta sar l-interrogatorju, ir-rikorrent kien ragel matur li gia kien qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Ghalhekk kellu esperjenza ta' interrogatorju mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma ta' vulnerabilita' hekk li facilment ikun intimidat bl-ambjent fejn issir l-interrogatorju.
2. ir-rikorrent kien gie mgharraf bil-jedd tieghu li jibqa' sieket u ma jwegibx, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn.
3. sakemm infethet il-kawza ir-rikorrent qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija li kien ghamel jew li jichad dak li fiha.

Ma jistax ikun hemm dubbju li l-access ghal avukat qabel l-interrogatorju bhala parti mid-dritt ta' smiegh xieraq gie introdott kemm mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ara il-kaz ta' **Salduz**[4]) u mill-Qorti Kostituzzjonali (ara **Il-Pulizija v. Alvin Privitera**[5]), biex jirrimedja ghal sitwazzjonijiet ta' zbilanc u nuqqas ta' ugwaljanza bejn l-interrogatur u min qed jigi interrogat. Jista' facilment ikun hemm sitwazzjonijiet ta' intimidazzjoni, paniku u konfuzjoni f'mohh il-persuna arrestata tant li f'dawk ic-cirkostanzi l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata. Ghalhekk huwa gust li ammissjoni jew stqarrija maghmula minn persuna vulnerabbli f'cirkostanzi intimidanti ghandha tigi skartata. Minn naha l-ohra jekk il-persuna arrestata ma hix persuna vulnerabbli u c-cirkostanzi ma

[4] Deciz fis-27 ta' Novembru 2008.
[5] Deciz fil-11 ta' April 2011.

jistghux jitqiesu intimidanti, ma hemmx raguni valida ghaliex l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata.[6]

In oltre, fis-sentenza **John Attard vs. Onorevoli Prim Ministru et** deciza fil-31 ta' Mejju 2013, il-Qorti Kostituzzjoni regghet irriteniet illi: *"Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat. Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilita, djgħufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha influwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx."*

Dan l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali gie wkoll abbraccat mill-Qorti tal-Appell Kriminali. (ara per ezempju **Il-Pulizija vs. Greta Elena Loredana Mercieca** deciza fl-10 t'April 2013[7], **Il-Pulizija vs. Debbie Antoinette Vella** deciza fl-10 t'April 2013[8], **Il-Pulizija vs. Jesmond Camilleri** deciza fit-18 t'April 2013[9] u **Il-Pulizija vs. Paul Cutajar** deciza fit-18 ta' Gunju 2013[10]).

Fil-kaz odjern, meta ittiehdet l-istqarrija, l-imputat Rodney Casha kellu 22 sena. Ghalkemm ma rrizultax li huwa kellu esperjenza qabel ta' interrogatorju mill-pulizija, l-imputat ma kienx minorenni u lanqas allega li kien ibati minn xi forma ohra ta' vulnerabilita', hekk li jkun jista jinghad li facilment seta' jkun intimidat bl-ambjent fejn sar l-interrogatorju. Inoltre, lanqas gie allegat li c-cirkostanzi li fihom ittiehdet l-istqarrija kienu intimidanti, u ghalhekk ma hemmx biza' li l-imputat seta' stqarr htijiet u fatti li ma ghandhomx mis-sewwa.

Inoltre qabel l-interrogatorju, l-imputat gie mgharraf bid-dritt tieghu li jibqgha sieket u ma jwiegibx, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn.

---

[6] Ara ittra ta' Dottor Giovanni Bonello Imhallef *Emeritus* fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ippubblikata fit-*Times of Malta* fit-28 ta' Novembru 2012.
[7] *Per* Imhallef David Scicluna.
[8] *Per* Imhallef David Scicluna.
[9] *Per* Imhallef Michael Mallia.
[10] *Per* Imhallef Michael Mallia.

Huwa rilevanti wkoll li ghalkemm l-istqarrija ittiehdu f'Awwissu 2006, kien biss fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2012, li l-imputat issolleva l-kwistjoni li l-istqarrija tieghu ttiehdet minghajr ma kellhu assistenza legali. Matul dawn is-sitt snin, l-imputat qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija tieghu jew li jichad il-kontenut taghha. Dan huwa sinjal li l-imputat stess ma kienx qed ihossu illi tqieghed taht zvantagg ingust bl-istqarrija tieghu li, wara kollox, ghamilha liberament.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll li fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2009, gie verbalizzat hekk *"Id-difiza qed tezenta lill-prosekuzzjoni milli ttella' lil PS72 Bernard Galea li kien xhud fl-istqarrija ta' Rodney Casha."*[11] Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Greta Elena Loredana Mercieca** deciza fl-10 t'April 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[12] irriteniet hekk: *"Difatti mhux talli ma saret l-ebda allegazzjoni li l-istqarrija tagħha ma ġietx magħmula minnha volontarjament jew li ġiet imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi (artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali), talli fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2011 id-difiża għamlet verbal fejn iddikjarat li "qed teżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq xhieda tal-identita` u volontarjeta` tal-istqarrija". Ġaladarba d-difiża ma kinitx qed tikkontesta l-volontarjeta` tal-istqarrija, huwa kontrosens illi tippretendi illi l-istqarrija tiġi skartata fuq il-bażi unika li l-appellata ma kellhiex assistenza legali. L-istqarrija jew saret b'mod volontarju jew le. U hawn tali volontarjeta` ma ġietx messa in diskussjoni. Konsegwentement, in vista tal-fatt li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-volontarjeta` tal-istqarrija tal-appellata, f'dan il-każ tali stqarrija hi prova valida u ammissibbli."*

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, fil-fehma kkunsidrata ta' din il-Qorti ma hemmx raguni valida ghaliex ghandha tiskarta l-istqarrija tal-imputat.

*<u>Il-Meritu</u>*

Kif inghad aktar il-fuq, fl-istqarrija tieghu l-imputat Rodney Casha ammetta li hu mar xi hames darbiet jisraq il-cables mill-istores in kwistjoni. Huwa kien jaghmel dan billi jaqta' bicca mill-cable, u imbaghad ibiegh ir-ram ta' go fiha ghand *scrapyard* Hal-Luqa, kif ikkonferma ix-xhud George Gatt li kien jahdem f'din l-*iscrap yard*. Hu jikkalkula li ha madwar LM 45 mill-bejgh ta' dan ir-ram.

[11] Ara fol. 69 tal-process.
[12] *Per* Imhallef David Scicluna.

Fit-trattazzjoni orali, l-Ufficcjal Prosekutur qal li ghalkemm ir-ram jinbiegh bi ftit flus, il-cable jiswa hafna, u huwa ghalhekkk li fl-imputazzjonijiet, l-ammont huwa kbir. Pero, il-prosekuzzjoni gabet biss prova tal-valur kollu tal-cable komplut, li kien ta' LM38,983.[13] Ix-xhud Joe Meli, rapprezentant tal-Malta Shipyard u l-persuna li ghamel l-istima, ma kienx jaf x'insteraq ezatt.[14] In oltre, jirrizulta kemm mir-ritratti tac-CCTV ezebiti kif ukoll mill-istqarrija tal-imputat, li kien hemm terzi persuni li wkoll kienu qed jiehdu l-cable mill-istores.

Ovvjament, l-imputat irid iwiegeb biss ghar-reat kommess minnu, pero mill-provi ma jirrizultax in-ness bejn ir-ram li seraq l-imputat, u l-valur tal-cables li minnu ittiehed dan ir-ram mill-imputat. F'dan in-nuqqas ta' provi, l-beneficcju jrid imur favur l-imputat, u ghalhekk il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati ta' serq aggravat bil-valur, billi kulma jirrizulta huwa dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu, u cioe li hu ha madwar LM45 ghar-ram li biegh.

Inoltre, mill-provi ma jirrizultax kif l-imputat kien jidhol fil-mahzen in kwistjoni, u lanqas il-hinijiet li fihom dahal. Konsegwentement ma giex ippruvat li dan is-serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-hin.

Pero jirrizulta li dan is-serq huwa kwalifikat bil-lok stante li l-cables kienu qieghdin f'mahzen jew tarznar tal-Gvern, ai termini tal-Artikolu 269(d).

It-tieni imputazzjoni u cioe dik ta' hsara volontarja lanqas giet ippruvata, stante li ma jirrizultax li fil-fatt li l-imputat kien qed jaqta' bicca mill-cables, kien qed jikkagunalhom xi hsara.

*<u>Il-Piena</u>*

Dwar il-piena, il-Qorti kkunsidrat illi l-imputat ikkopera mal-pulizija.

---

[13] Ara Dok FM a fol. 21 tal-process

[14] Ara xhieda ta' Joe Meli a fol 61 u 62 tal-process.

Hija kkunsidrat ukoll li r-reat hu wiehed kontinwat u fil-fehma tal-Qorti, il-piena ghandha tizdied bi grad.

Ghalkemm meta bdew il-proceduri, kellu fedina penali netta, mill-fedina penali aggornata tieghu ghandha erba' kundanni, tnejn minnhom ta' pussess semplici tad-droga u tnejn ohra ta' diversi kazijiet ta' serq.

Fil-fatt l-imputat ammetta fl-istqarrija tieghu li kellu l-vizzju tal-abbuz tad-droga. Pero mix-xhieda ta' Dun Manuel Cordina, Direttur tal-Fondazzjoni Oasi, jirrizulta li l-imputat temm b'success programm ta' riabilitazzjoni u l-imputat illum il-gurnata huwa persuna responsabbli, jahdem, u migbur mat-tfajla tieghu u ghandhom zewgt itfal.[15] Fil-fatt, il-kundanni li l-imputat ghandu fil-fedina penali u r-reat li tieghu instab hati f'dawn il-proceduri jirrisalu ghas-snin 2006-2007 meta kien ghadu ma ghamilx il-programm ta' riabilitazzjoni. Ghaldaqstant, fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti ma hux idoneu li l-imputat jinghata sentenza ta' habs effettiva.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18, 261(b), (c), (e), (f), 263, 267, 269, 270, 281(a) u 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ma issibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni kontrih u lanqas issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni fit-totalita taghha u cioe sa fejn qed jigi akkuzat li b'serq aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin, u qed tilliberah minnhom, issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni imma limitatament ghal serq aggravat bil-lok u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena (1) prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car il-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

[15] Ara xhieda ta' Dun Manuel Cordina a fol. 104 tal-process.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------